# Il-Belliegħa

Trevor Żahra

Fi tfulitu kien spiss jiġi jittawwalli. Kien jiftaħ l-għatu tal-bir, jixxabbat ’l isfel u jgħidli “Baaa!” U jiena kont inwieġbu lura: “Baaa!” Kont ngħid f’qalbi, “Dat-tifel għad xi darba nisirqu!” Kellu barmil ċkejken tal-baħar, kollu tpinġija ta’ ħut u arzell. Fettillu jorbtu ma’ biċċa spaga u jipprova jtella’ l-ilma bih. Imma l-ispaga ma felħitx it-toqol tal-ilma ... u sraqthulu. Beda jibki u mar jiġri jġib ir-rampila. Imma ma ħallejtux jieħdu lura. Hawn għadu għandi, imsaddad u mmermer, bl-arzell u l-ħut ifittxu l-ilma baħar għalxejn. Darba oħra, mid-dehra, ma kienx qed jistudja biżżejjed. Kont smajt lil missieru jirrabja miegħu u jgħidlu li qed jaħli wisq ħin jilgħab b’dawk l-imgħarrqin suldati taċ-ċomb li kienet tatu zitu. U meta t-tifel beda jtawwal ilsienu, il-missier kien tilef sabru. Fetaħ l-għatu tal-bir u qallu:

“Min ma jismax bis-sewwa, ikollu jisma’ bid-dnewwa!”

U s-suldati niżlu jiġru ħdejja u minn ġellieda felħana spiċċaw bugħaddasa mitlufa. Imbagħad it-tifel ġie jittawwalli, jibki u jolfoq. U jiena bkejt miegħu.

Għaddew tliet snin jew erbgħa u t-tfajjel beda jitfarfar. Dakinhar li reġa’ ġie jittawwalli ma kienx qed jibki u jolfoq. Kien jidher imbażżà’. Ta daqqa t’għajn madwaru u f’leħħa ta’ berqa xeħitli rigal. Arloġġ tal-polz. Baqa’ jħares lejja biex jaċċerta ruħu li lqajt ir-rigal li offrieli ... u blajtu. U meta ħarist sewwa f’għajnejh qrajt l-istorja kollha. Kien arloġġ ta’ missieru. Fettillu joħodhulu biex jippruvah ftit mal-polz tiegħu. Żelaqlu minn idu u l-ħġieġa saret frak. U waqt li l-arloġġ iltaqa’ mal-barmil u s-suldati, il-minutieri waqfu fuq is-sagħtejn u kwart, u jiena rġajt ħarist f’għajnejh u għidtlu:

"Tinkwetax tfajjel. Jiena nostorlok is-sigrieti tiegħek kollha. Bħalma għadni nostor is-sigrieti t'ommok."

Dik ukoll, snin twal ilu, kienet ġiet tittawwalli mwerwra. Kellha f'idha kaxxa tal-landa, u qabel ma xeħtithieli, fetħitha biex tagħti l-aħħar daqqa t'għajn lil dawk l-ittri għeżież. U qrajt il-ġrajja kollha fil-biża' t'għajnejha. Issa li l-maħbub tagħha kien abbandunaha, riedet tara kif teħles minn dawk l-ittri. Ma riditx li jiġu f'idejn żewġha. Kienet se taħraqhom, imma ma kellhiex qalb tixħithom l-infern. Rassithom ġo kaxxa tal-landa u tathomli. U l-istess bħalma għamel binha snin wara, qagħdet tħares lejja u lejn is-sigriet li kienet fdatli.

Għaddew is-snin u t-tfajjel kiber u xjaħ u kont ili għomor ma narah. Iżda dan l-aħħar reġa' ftakar fija. Ħa drawwa jiġi jiftaħ l-għatu tal-bir u joqgħod jittawwalli. U meta nħares f'għajnejh u nara fihom sensiela twila ta' eleġiji, nibda ngħidlu:

"Din x'ħajja hi li qed tgħix? Ejja għandi u nnessik kollox!"

Imma t-tfajjel-xwejjaħ kien jagħlaqli l-bieb f'wiċċi u nibqa' nisimgħu jokrob ħdejn il-ħerża tal-bir. U hemmhekk sabuh imgeddes il-ġirien meta kienu ilhom xi ġranet ma jarawh. U jiena bkejtu wkoll u b'qalbi maqsuma għidtlu:

"Għax ma ġejtx għandi? Kont nerġa' nostorlok is-sigrieti tiegħek. Kont illaqqgħek mas-suldati taċ-ċomb, mal-barmil tal-ħut u l-arzell u mal-arloġġ li għadu wieqaf fuq is-sagħtejn u kwart. U fuq kollox, kont niftaħlek il-kaxxa tal-landa u ngħidlek min kien missierek tassew!"